

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2377****tal-5 ta' Diċembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-  
Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 <sup>(2)</sup> b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem marbut miegħu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi addizzjonali fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-RDK, il-Kunsill iqis li l-kriterji ta' deżinjazzjoni fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK jenħtieġ li jiġu emendati biex jippermettu l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jsostnu, jappoġġaw jew jibbenefikaw mill-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-miżuri restrittivi kif previst fl-Artikoli 4(1) u 5(1) u (2) għandhom jiġu imposti kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi:

- (a) li jkunu qed jimpedixxu soluzzjoni kunsenswali u paċifika lejn elezzjonijiet fir-RDK, inkluż b'atti ta' vjolenza, repressjoni jew inċitament għall-vjolenza, jew billi jdgħajfu l-istat tad-dritt;
- (b) involuti fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-tweqqif ta' atti li jikkostitwixxu ksur serju jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK;
- (c) responsabbli għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK;
- (d) li jkunu qed jagħtu appoġġ lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (c);
- (e) li jkunu qed jinkoraġixxu l-vjolenza b'konnessjoni mal-azzjonijiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d);
- (f) li jkunu qed jisfruttaw il-kunflitt armat, l-instabbiltà jew l-insigurtà fir-RDK, inkluż permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali u organiżmi selvaġġi;
- (g) assoċjati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punti (a), (b), (c), (d), (e) jew (f);

kif elenkat fl-Anness II.;

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7).

(2) fl-Anness II, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Lista ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3(2)”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. KUPKA

---